MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 452/2011

**Appell Nru: 452/2011**
**Il-Pulizija**
**Vs**
**Francis Grech**
**Illum 24 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Francis Grech, [detentur tal-karta tal-identita` numru 246565 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fis-27 ta' Awissu, 2011 ghall habta tal-09:55hrs fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar:

1. Ghamel uzu minn vettura Nru: JAJ-958 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji tat-terzi persuni.
2. Saq l-istess vettura Nru. JAJ-958 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta biex tintuza fit-triq. (licenzja tal-vettura mhux imgedda).

3. Saq il-vettura Nru. JAJ958 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-‘Seat Belt’.
4. Waqt li kien qed isuq vettura Nru. JAJ-958 kien qed izomm jew juza b’idejh telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja.
5. W aktar naqas milli jobdi l-ordni legittima moghtija lilhu minn PS914 I. Mifsud persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu.
6. Kif ukoll fl-imsemmija data ghall habta tal-10:30hrs fi Triq It-Trill, San Pawl Il-Bahar, halla l-imsemmija vettura Nru. JAJ-958 wahidha bla ma ha prekawzjoni xierqa biex ma tigix imcaqalqa sakemm idum nieqes jew halla l-istess vettura wieqfa fit-triq jew lit kun immaniggata b’mod li tkun ta’ xkiel bla bzonn jew ta’ xi inkonvenjent ghall-pubbliku, u cioe halla din il-vettura mhux indukrata billi hallha c-cwievet fiha.

Il-prosekuzjoni tablet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta’ mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Ottubru, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, 3(1) tal-Kap 104, l-artikoli 3, 68 u 115(2) tal-LS 65.11 u 338(ee) tal-Kap9, sabet lill imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa komplessiva ta’ E2,400 u sospenzjoni illi jkollu licenzja ghall-zmien sena (12 il-xahar) minn dakinhar.

Rat ir-rikors tal-appellant Francis Grech pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-4 ta’ Novembru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti, tirrevoka is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrendo jkun il-kaz, sussidjarjament, tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena aktar mita u idonea.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji tal-appellant Francis Grech li huma is-segwenti :

Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel qorti ma setghatx ragjonevolment issib htija fil-konfront tal-appelant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti ;
Illi fil-bidu tal-kawza, id-difensur tal-appelant ta’ l-eccezzjoni illi l-affidavit ta’ PS914 Ivan Mifsud, liema affidavit kien jikkontjeni dak kollu li allegatament stqarr mieghu l-appellant meta l-imsemmi Mifsud baghat ghalih, jikkostitwixxi stqarrija ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.
Illi fl-eccezzjoni taghha, d-difiza kompliet issostni illi gialadarba l-kontentut tal-affidavit ta’ PS 914 huwa ekwivalent ghal-stqarrija tal-appellant, l-imsemmi appellant kellu d-dritt li jigi assistit minn avukat ta’ fiducja qabel jirrilaxxa kwalunkwe stqarrija ;
Illi d-dfiza ssottomettiet ulterjorment li gialadarba l-appellant gie mcahhad mid-dritt tieghu li jinghata assistenza legali, l-istqarrija ossia l-affidavit ta’ PS914 kellha tigi sfilzata mill-atti tal-kawza de quo.
Illi d-difiza temmen illi fl-aghar ipotezi, il-Qorti kellha tiddikjara illi m’hijiex se tiehu konjizzjoni ta’ dak li qal l-akkuzat lill-Pulizija u dan ghar-ragunijiet diga premessi ;
Illi f’dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Ottubru, 2011, fil-kaz bl-ismijiet ta’ Pulizija vs. Emiliano Ceriale, fejn l-imsemmija Qorti tal-Magistrati, rinfaccjata b’ kaz identiku bhal kawza de quo, laqghet it-talba tad-difiza fis-sens illi l-Qorti ddikjarat illi ma kienetx se tiehu konjizzjoni ta’ dak li stqarr l-imputat Ceriale mal-Pulizija f’dan il-kaz.
Illi l-Qorti, fl-imsemmija decizjoni tghid ‘the situation ijn question is analogous to the one similar to the fact that such statement could have been of the accused’ ;
Illi fl-imsemmija sentenza il-Qorti taghamel ukoll referenza ghal-kawza kostituzzjonali bl-ismijiet Mark Lombarid vs. L-Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta’ April tas-sena elfejn u hdax fejn b’referenza ghall-kawza Il-Pulizija vs Mark Lombardi, il-Qorti qalet :
‘il-Qorti Kostituzzjonali fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-artikolu 6(1), u senjatament dwar ragunijiet ghal xi restrizzjonijiet ghad-dritt ta’ l-avukat irriteniet illi dawn ir-restrizzjonijiet m’ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet ta’ kull akkuzat taht l-artikolu 6 u kompliet tikkunsidra illi ‘dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbiilment pregudikat meta

hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u danw l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.' ;
L-imsemmija Qorti fl-istess sentenza ikkonkludiet 'li ghalhekk fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appelalnt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett ta' l-investigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija izda mhux li tkun assistita waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija'.
Illi ghaldaqstant l-appelnat qieghed jeccepixxi illi l-Qorti ma setghetx tihu konjizzjoni tal-kontenut tal-affidavit ta' PS194 senjatament b'riferenza ghal dawk il-partijiet tal-affidavit fejn l-appellant setgha ghamel xi pfrma ta' stqarrija mal-imsemmi Surgent u dan ghar-ragunijiet premessi ;
Illi inoltre, l-appelant jemmen li jezistu l-estremi li kellhom jikkonvincu l-Qorti tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit u dan ghall-istess ragunijeit premessi.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.
Illi minghajr pregudizzju, anki jekk u kieku zbalja, l-appellant m'huwiex 'hardend criminal' li jkollu xi dispozizzjoni jirrepeti l-agir tieghu ;
Illi l-fedina penali tal-appellant hija nadifa ghal-kollox u fic-cirkostanzi kien ikun jixraq li l-Ewwel Qorti timponi piena li tkun aktar mita.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-27 ta' Awwissu, 2011 ghall-habta ta' 09:55 hrs, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, PS 914 Ivan Mifsud ra van ta' marka Transit bit-tarka tar-registrazzjoni JAJ-958 ghaddej minn quddiem l-ghassa tal-Qawra fejn is-sewwieq ta' din il-vettura, li ssussegwentement irrizulta li kien l-appellant, ma kienx qed jaghmel uzu mis-seatbelt u kien qieghed jitkellem fuq il-mobile. Is-surgent ipprova jwaqqaf lil din il-vettura izda

s-sewwieq baqa' ghaddej u wara li vverifika fuq min kienet irregistrata din il-vettura sab illi kienet registrata fuq l-appellant. Xi nofs siegha wara waqt li s-surgent kien ghaddej minn Triq it-Trill, San Pawl il-Bahar innota dan il-van ipparkjat fil-genb u x'hin mar hdejh sab illi kellu t-twieqi miftuhin bic-cavetta fl-ignition. Xi kwarta wara tfacca l-appellant u gharfu bhala l-istess persuna illi ftit tal-hin qabel kien qed isuq il-vettura. L-appellant qalli illi kien gej l-ghassa biex ikellimnu ghax rah izda ma setax jieqaf. Meta s-surgent staqsieh dwar licenzja u assigurazzjoni l-appellant qal illi dawna ma kienux imgeddin peress illi kellu xi problemi mal-mara u ma geddidhomx.

B'Sentenza moghtija fil-25 ta' Ottubru, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal multa ta' €2,400 u ordnat li jigi swalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u l-agravju principali tieghu huwa li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment issib htija fil-konfront ta' l-appellant peress l-affidavit ta' PS 914 Ivan Mifsud jikkostitwixxi stqarrija ghal fini u effetti kollha tal-Ligi fejn allura l-appellant kellu d-dritt li jkun assistit minn avukat ta' fiducja qabel irilaxxja kwalunkwe stqarrija u ghalhekk talab illi l-affidavit kollu ta' PS 914 kellu jigi sfilzat.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument, l-appellant ikkwota in sostenn ta' l-argument tieghu il-kawza fl-ismijiet Mark Lombardi vs l-Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April, 2011. Din il-Qorti hija ben konxja ta' din il-kawza u l-konsegwenzi tas-Sentenza taghha. Fil-fatt hu ormai assodat anke mill-att statutorju illi persuna arrestata ghandha dritt illi tkun assistita minn avukat mill-bidu nett ta' l-arrest taghha izda m'ghandiex dan id-dritt waqt l-interrogazzjoni. L-appellant qed jipprova jaghmel l-anologija u jghid illi ergo l-affidavit tal-pulizija peress illi jikkontieni xi twegibiet illi seta' ghamel l-appellant ma kelliex quindi tkun accetta minn din il-Qorti la l-appellant ma kienx assistit. Din il-Qorti diga kellha okkazjoni tippronuncja ruha fuq dan il-punt fil-kawza fl-

ismijiet “Il-Pulizija vs Mark Anthony Farrugia” tas-27 ta’ Settembru, 2012. F’din il-kawza l-Qorti ghamlitha cara illi d-dritt ta’ l-assistenza fil-bidu ta’ l-arrest jiskatta meta l-persuna tigi arrestata, meta tigi priva mill-libereta taghha, dak li huwa komunament maghruf bhala sitwazzjoni ta’ “*deprevation of liberty”*. F’dan il-kaz din is-sitwazzjoni ma tavverax ruhha bhal ma lanqas tavvera ruhha f’kwalunkwe okkazjoni meta l-pulizija jwaqqfu lil xi hadd fit-triq minhabba xi kontravenzjoni tat-traffiku li huma jkunu jinnutaw. Alla hares naslu fl-assurd illi kull meta jsir hekk ikun mehtieg illi dik il-persuna tesigi illi jkollha avukat maghha. Ghalhekk meta ma jkunx hemm sitwazzjoni fejn il-persuna tigi priva mill-liberta taghha dana m’ghandux dritt illi jkollu avukat mieghu waqt li jkun qed ikellem lill-pulizija jew xi awtorita ohra kompetenti illi tkun waqfitu. Pero’ din il-Qorti fuq l-iskorta ta’ Sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet “Aleksander Zaichenko vs Russia” tat-18 ta’ Frar, 2010 (39660/02) ghamlet *caveat* imporanti u cioe’ meta dikjarazzjonijiet tal-persuna jkun gew imressqa l-Qorti bhala provi kontra tieghu, din il-Qorti ghandha tiehu din id-dikjarazzjoni b’kawtela u cioe’ illi tkun sodisfatta li ma jkunux gew lezi xi drittijiet fundamentali tal-persuna jew jezistu xi cirkustanzi li jistghu jilledu b’xi moghod dawn id-drittijiet. F’dan il-kaz il-Qorti b’mohha mistrieh tista’ toqghod fuq dak l-affidavit tas-surgent 914 Ivan Mifsud bejn ‘il ghaliex dan l-affidavit qieghed jixhed fuq dak li effettivament ra b’ghajnejh kif ukoll il ghaliex dak illi qallu l-appellant dak il-hin illi waqfu jaqbel perfettament mar-ricerka illi ghamel is-surgent l-ufficcju.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragonevolment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------